**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 113/2019**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Noel Apap**

**U**

**Nomar Apap**

Illum 30 ta' Settembru 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Noel Apap detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 526972(M) u Nomar Apap detentur ta'l-karta ta'l-identita' bin-numru 291392(M), akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-22 ta' Novembru, 2014 bejn il-ħdax u nofs ta' filgħodu (11:30hrs) u n-nofs siegħa ta' wara nofs in-nhar (12:35hrs):

1. ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun inġurjaw, insulentaw jew heddew bi kliem lil WPS 145 Graziella Camilleri persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet qed tagħmel jew minhabba li kienet għamlet dan is-servizz jew bil-ħsieb li tbezza jew tinfluwixxi fuqha kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz (Kap 9, Sec 95);

2. U aktar talli fl-istess, data, ħin, lok u ċirkostanza volontarjament kissru l-ordni u l-paċi pubblika b'għajjat storbju jew ġlied (Kap 9, Sec 338 (dd));

3. U aktar talli nhar it-22 ta' Novembru, bejn il-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30hrs) u n-nofs siegħa ta' wara nofs in-nhar (12.35hrs) ġewwa l-Ħamrun għamlu grieħi ta' natura ħafifa lil Raymond Debattista hekk kif ġie iċċertifikat minn Dr R Sammut Med No. 1819 tal-Klinika tal-Floriana (Kap 9, Sec 338 (bb)).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-11 ta' April, 2019 li wara li rat l-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lil imputati ħatja biss ta' l-ewwel (1) akkuża miġjuba fil-konfront tagħhom u a tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, lliberat lill-imputati bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat ieħor fi żmien tlett (3) snin. Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputati bi kliem ċar u li jinftiehem illi jekk huma jwettqu xi reat ieħor fi żmien il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huma jkunu jistgħu jingħataw sentenza għar-reat trattat f'dawn il-proċeduri.

Rat ir-rikors tal-appellanti Noel u Nomar Apap, ppreżentat fit-22 t' April 2019, fejn talbu lil din l-Qorti:

1. Tirriforma s-sentenza appellata u cioe' dik tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali billi tikkonfermaha fejn ma sabithomx ħatja tat-tieni u t-tielet imputazzjoni iżda tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata fejn instabu ħatja tal-ewwel imputazzjoni, u konsegwentement tillibera lill-appellanti Noel Apap u Nomar Apap minn kull piena u ħtija skont il-liġi.

2. Fin-nuqqas, tagħti piena aktar ġusta w ekwa li tkun piena anqas oneruża fuq l-appellanti anki tenut kont tal-fatt li minn dak inhar tal-inċident għaddew 5 snin.

Rat l-aggravji imqanqla mill-appellanti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-appell minnhom intentat l-appellanti qegħdin jilmentaw illi l-Ewwel Qorti ma setatx issibhom ħatja tal-ewwel imputazzjoni fejn gew mixlija bir-reat mahsub fl-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali peress illi kien hemm kunflitt fil-provi minn fejn kellu jirrizulta, fil-fehma taghhom, illi mhux minnu li Nomar Apap ghajjar lil WPS145, ghajr dak li tixhed l-istess kuntistabbli tal-pulizija u ukoll illi hemm kunflitt fil-provi dwar il-kontenut tad-diskors indirizzat minn Noel Apap lejn WPS145. Lanqas ma hemm qbil dwar dak li wassal għal dan id-disgwid. Jikkontendu ukoll illi bil-kliem li lissen Noel Apap hemm dubbju dwar jekk dan jistax jikkostitwixxi inġurja fit-termini tal-artikolu 95 li abbazi tieghu giet imsejsa r-reita' fil-konfront tieghu.

Illi sabiex tistharreg dawn l-aggravji l-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti processwali u dan unikament sabiex, fis-setgha moghtija lilha bil-ligi, tqies jekk l-Ewwel Qorti setatx abbazi tal-provi migjuba quddiemha ssib htija kemm fuq bazi legali kif ukoll fattwali u allura ukoll, jekk rrizulta xi kunflitt fil-provi, setatx fid-diskrezzjoni moghtija lilha bil-ligi taghti affidament lil verzjoni tal-WPS 145 u tiskarta dik tal-appellanti.

Ikkunsidrat:

Mill-atti probatorji jemergi illi nhar it-22 ta' Novembru 2014 il-pulizija ġew infurmati illi ġewwa Triq San Gejtanu, Ħamrun kien ghaddej argument bejn numru ta' nies fosthom l-appellanti u certu Raymond Debattista. Dan Debattista ftit wara rrikorra lejn l-ghassa tal-Hamrun sabiex jaghti l-verżjoni tiegħu ta' dak li kien seħħ ġewwa Triq San Gejtanu fejn saħaq illi kellu argument verbali ma terzi persuni fosthom l-appellanti, liema argument kien skala bl-użu tal-armi irregolari. Qabel hareg mill-ghassa Debattista talab lil

WPS 145 Camilleri twasslu sal-antiporta tal-għassa peress illi kien qed jibża mill-appellanti illi safrattant kienu laħqu waslu l-għassa huma wkoll x'aktarx biex jagħmlu rapport dwar l-istess inċident. F'dan il-mument WPS145 lemħet lil Noel Apap, wieħed mill-appellanti, jipprova jiftaħ it-tieqa tal-għassa li kienet magħluqa. WPS 145 ordnatlu sabiex ma jmiss xejn u ma jiftaħx t-tieqa, izda Apap pront weġbiha bi kliem dispreġattiv fejn offenda s-sess tagħha u ghajjarha bil-kliem 'stupida bħan-nisa' u diskors iehor fis-sens illi kollox kien sejjer il-baħar ghaliex qed jitmexxew l-affarijiet min-nisa, dan x'aktarx ukoll ghaliex fl-istess għassa kemm il-Maġġur kif ukoll l-iSpettur kienu t-tnejn tas-sess femminili. Flimkien ma' Noel Apap kien hemm ibnu Nomar, ukoll appellant f'dawn il-proċeduri, illi beda jgħajjar lil din il-kuntistabbli bhala 'kiesħa', 'mara arroganti' u li 'tilbes in-nuċċali għax ma tarax sew'. F'dan il-mument kien hemm xi ufficjali tal-pulizija li gew biex jassistu lil WPS145 u hawnhekk l-appellant Noel Apap iktar irrabbja u beda jallega li l-ufficjal Camilleri kienet ser tbagħbas ir-rapport kontra taghhom. Minhabba f'din l-allegazzjoni r-rapport ittieħed minn PC948 għal kull buon fini. Sussegwentement wara li l-appellanti ġew interrogati tressqu l-Qorti akkużati bir-reati lilhom addebitati f'din l-istanza u wara li l-Ewwel Qorti semgħet il-provi, sabithom ħajta tal-ewwel imputazzjoni filwaqt li lliberathom mill-bqija.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi:

> **Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan[1], jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skond il-liġi min servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt eruo (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5000).**

[1] Inġurji, theddid u offiżi kontra l-Avukat Ġenerali, membri tal-ġudikatura jew ġurati.

Issa l-element formali li jsawwar ir-reat addebitat lill-appellanti tal-oltragg lill-ufficjal pubbliku huwa proprju l-intenzjoni li dan jigi imxekkel fil-qadi ta' dmirijietu u dan bl-att materjali li jigi ipotizzat fid-dicitura ta' din id-disposizzjoni tal-ligi bhala jew dak tat-theddid, jew tal-ingurja jew tal-offiza fuq il-persuna tal-istess ufficjal pubbliku. Fil-fatt l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha taghmel esposizzjoni erudita tal-gurisprudenza li titkellem dwar dan ir-reat, li a skans ta' repetizzjoni din il-Qorti qed taghmilhom taghha.

Issa mhux kontestat illi l-appellanti la heddew lil WPC145 bil-kliem jew gesti u lanqas ikkomettew xi offiza fuq il-persuna taghha. L-att materjal f'din l-istanza jikkonsisti unikament fi kliem ingurjuz li l-appellanti jikkontendu li jew ma sarx jew inkella jekk sar ma kellux il-kwalita tal-oltragg, b'Nomar Apap jikkontendi illi ma qal l-ebda diskors ta' din ix-xorta u b'Noel Apap ghalkemm jikkoncedi illi qal xi diskors lil WPS145, dan ghamlu izda b'ritaljazzjoni ghall-agir ta' din l-istess ufficjal li bdiet tghajjat u tipponta subghajha f'wiccu, u ukoll li l-istess kliem allura ma kienx ingurjuz.

Illi minn ezami tal-atti processwali u tas-sentenza appellata jirrizulta illi l-Ewwel Qorti laqghet il-verżjoni tal-fatti moghtija minn WPS145 u mill-ufficjali tal-pulizija li tawha l-assistenza bhala dik l-iktar veritjiera. Dan ukoll ghaliex il-verzjoni tal-fatti moghtija minn WPS145 hija fis-sustanza kkoroborata mill-ufficjali tal-pulizija li f'dak il-hin kien hemm fl-ghassa. Illi dan ifisser illi l-kliem indirizzat lejn WPS145, allavolja ma kienx jikkostitwixxi kliem ta' theddid jew dagħa, madanakollu jmur oltre s-sempliċi rimarka jew kritika, kif jikkontendu l-appellanti. Fil-fatt huwa indubitat, fil-fehma ta' din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti qabilha, illi id-diskors li inghad kien intenzjonat sabiex jingurja lill-istess WPS145 filwaqt illi kienet qed taqdi il-funzjoni tagħha ta' uffiċjal pubbliku ghaliex l-appellanti dehrilhom li din kienet qed taghti xi preferenza lill-avversarju taghhom Raymond Debattista li kien ipprecediehom gewwa l-ghassa tal-pulizija biex jaghti l-verzjoni tieghu ta' l-argument li kien sehh bejniethom aktar kmieni. Kwindi m'hemmx dubbju fil-fehma tal-Qorti illi l-fatti tal-kaz jinkwadraw ruhhom perfettament fl-elementi mehtiega sabiex jissussisti rr-reat mahsub fl-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali.

Għal dak li jirrigwarda Nomar Apap, filwaqt illi huwa minnu li parti kbira tax-xhieda tal-prosekuzzjoni jgħidu li ma semgħuhx juża kliem dispregjattiv fil-konfront ta' WPS 145, madanakollu l-istess WPS145 tispeċifika d-diskors li ngħad lilha da parti ta' Nomar Apap, allavolja jidher illi missieru Noel Apap, kien l-iktar wieħed vociferu miż-żewġ appellanti. Mhux biss izda, Nomar Apap stess meta ddepona quddiem l-Ewwel Qorti m'eskludiex li hu lissen ċertu diskors fil-konfront ta' WPS145 iżda hu jispjega u jipprova jiġġustifika il-kliem li uża fil-konfront tagħha, fis-sens illi uża ċertu terminoloġija minħabba l-fatt illi WPS145 kienet qed tgħajjat u tisfidhom għax saħhqet, erronjament fil-fehma tieghu, illi huma kienu fetħu t-tieqa tal-għassa mingħajr awtorizzazzjoni u kienet ordnatilhom bil-ħatfa u bl-arroganza biex it-tieqa terġa tingħalaq u li baqghet tisfidhom filwaqt li ppuntat subghajha f'wiċċhom sabiex jobduha. Illi l-ebda wiehed mix-xhieda ma jiddeskrivu dan ix-xenarju biex b'hekk l-Ewwel Qorti gustament ma setatx taghti affidament lil verzjoni taghhom tal-fatti.

Illi għal dak li jirrigwarda Noel Apap, b'differenza ta' Nomar Apap, il-parti l-kbira tax-xhieda tal-prosekuzzjoni jikkonfermaw illi hu lissen diskors inġurjuż u insolenti fil-konfront ta' WPS 145 waqt li hi kienet fil-qadi ta' dmirijietha fejn kkorroboraw lil xulxin ukoll dwar in-natura tad-diskors li inghad. Ghaldaqstant l-aggravji imqanqla mill-appellanti ma jisthoqqilhomx akkoljiment.

Illi finalment ghalkemm fit-tieni talba kontenuta fir-rikors tal-appell, l-appellanti jitolbu riforma fil-piena inflitta u dan ghaliex fil-fehma taghhom din ma kenitx wahda ekwa u gusta, lanqas jindikaw mottiv wiehed 'il ghala din il-piena ma taghmilx gustizzja fil-konfront taghhom meta lanqas jitressaq aggravju formali fir-rigward. Illi fi kwalunkwe kaz din it-talba ma jisthoqqiliex akkoljiment u dan ghaliex fil-fehma tal-Qorti l-piena erogata kienet wahda piuttost miti u li tikkontempla piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija bl-imposizzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-appellanti ghal perijodu ta' tlett snin, minghajr l-imposizzjoni tal-multa u dan meta il-pieni ghal kummissjoni tar-reat ta'

ingurji u vjolenza kontra ufficjali pubblici kienu ghadhom kemm saru iktar oneruzi bl-introduzzjoni tal-Att V tal-2014.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Jocye Agius
Deputat Registratur